# Kunsill Lokali Ir-Rabat

## Il-Pjan tal-Ħidma

## 2016 – 2018

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 2 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 3 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment | 7 |
| L-Iżvilupp Kapitali | 10 |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Bħalma jsir kull sena, il-Pjan ta' Ħidma qed jerġa' jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja 2016 li jkopri s-snin 2016, 2017 u 2018.

Matul is-sena 2016 il-Kunsill qed jistma dħul ta' €1043,041, li €1,022,481 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill applika għalihom, kif ukoll minn ksur ta' Bye Laws u minn dħul ġenerali ieħor.

L-infiq għas-sena finanzjarja 2016 ser ikun ta' €762,370 li minnhom €91,500 ser ikun infiq Kapitali. L-ammont ta' €509,950 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €160,920 ser tkun l-ispiża fuq salarji.

Fis-sena 2017 qed jiġi previst illi l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tiżdied bi €15,337 u għalhekk mistennija allokazzjoni ta' madwar €1,037,818.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €766,661 Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej: €165,238 fuq Salarji €513,623 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €87,800 fuq infiq Kapitali.

Fis-sena 2018 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija wkoll tiżdied bi ftit u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €1,053,385. L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €778,374.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej: €169,683 fuq Salarji, €517,192 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €91,500 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Charles Azzopardi
Sindku

Orietta Cardona
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali Ir-Rabat jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet u jilħaq l-aspettattivi tar-residenti.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklussività** f'dik li hija ħidma kulturali, ambjentali, infrastrutturali, edukattiva u sportiva.

2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjoni ta' sess, razza jew abbiltà.

3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabbilità**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-aħjar valur għall-flus minfuqa.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul is-snin 2016-2018

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Li ntejbu s-servizz tal-*customer care* b'mod speċjali billi nżidu l-effiċjenza biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunità u li jingħataw l-aħjar servizz possibbli. |
| Li nkomplu nħeġġu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini Rabtin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati bl-involviment tal-istess ċittadini kif ukoll tal-għaqdiet lokali. |
| Li ngħollu u ntejbu l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattivi, kulturali u sportivi. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-effiċjenza u l-effettività. | Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi mħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barraminnhekk, isir iżu aħjar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern u l-opportunitajiet ta' finanzjament minn programmi tal-Unjoni Ewropea. |
| Li jikber in-numru ta' ċittadini li jieħdu interess fil-ħidma u l-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Li jkun hemm aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. |
| Strateġija ċara, imwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-*landfill* billi nkomplu nħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu ffrankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal skopijiet u proġetti oħra. |

**3.2 L-Istrateġiji**

L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill qed ifittex il-mezzi alternattivi biex isib il-finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibbilment jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali li għaliha jkun eliġibbli l-Kunsill. Kif ukoll min fondi tal-*Urban Improvement Funds (UIF)*

2. Issir ħidma sabiex isiru progetti ta resurfacing ta' toroq.

3. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' jkun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Rabtin jinvolvu ruħhom f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

**4.1 L-Organizzazzjoni** Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompatibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għanjuna tal-Assistent Uffiċjal Prinċipal, l-Uffiċjali Eżekuttivi, u l-iskrivani.

## 4.[redacted] Atti[redacted]tajiet Ġenerali

Qe[redacted] jiġi [redacted]ontemplat li matul is-sena 2016 il-Kunsill ser ikun qed iwettaq Tri[redacted] San[redacted]Bastjan.

Or[redacted]tta M[redacted]asini Cardona
Se[redacted]retar[redacted] Eżekuttiv

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 Eur | STIMA 2017 Eur | STIMA 2018 Eur | STIMA 2016 - 2018 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dħul | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,022,481.00 | 1,037,818.22 | 1,053,385.49 | 3,113,684.70 |
| 0020 | Il-Bye-Laws | 18,550.00 | 19,365.50 | 20,220.10 | 58,135.60 |
| 0090 | L-Investment | 10.00 | 9.50 | 9.03 | 28.53 |
| 0100 | Ġenerali | 2,000.00 | 2,100.00 | 2,205.00 | 6,305.00 |
| | TOTAL | **1,043,041.00** | **1,059,293.22** | **1,075,819.61** | **3,178,153.82** |
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 160,920.00 | 165,238.10 | 169,682.27 | 495,840.37 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra | 509,950.00 | 513,623.00 | 517,191.65 | 1,540,764.65 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 91,500.00 | 87,800.00 | 91,500.00 | 270,800.00 |
| | TOTAL | **762,370.00** | **766,661.10** | **778,373.92** | **2,307,405.02** |
| | **BILANĊ FAVUR/(KONTRA)** | **280,671.00** | **292,632.12** | **297,445.69** | **870,748.81** |
| | **X'KELLNA QABEL** | | 280,671.00 | 573,303.12 | 0.00 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 280,671.00 | 573,303.12 | 870,748.81 | 870,748.81 |

## 5.2 Noti:

Fis-sena 2016 id-dħul totali tal-Kunsill ser ikun qed jeċċedi l-ħruġ tal-Kunsill. Dan minħabba li l-Kunsill ser ikun qed ikompli jrażżan il-ħruġ tiegħu filwaqt li jillimita l-proġetti kapitali tiegħu.

## 5.3 Tbassir ta' Dħul għal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 Eur | STIMA 2017 Eur | STIMA 2018 Eur | STIMA 2016 - 2018 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dħul | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,022,481.00 | 1,037,818.22 | 1,053,385.49 | 3,113,684.70 |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Governattivi/Pubbliċi | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Oħrajn | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **1,022,481.00** | **1,037,818.22** | **1,053,385.49** | **3,113,684.70** |
| 0020 | Il-Bye Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 3,200.00 | 3,248.00 | 3,296.72 | 9,744.72 |
| 0026 | Permessi | 8,200.00 | 8,610.00 | 9,040.50 | 25,850.50 |
| 0040 | Amministrazzjoni | 7,150.00 | 7,507.50 | 7,882.88 | 22,540.38 |
| 0041 | Fondi mill-EU | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0056 | Sponsors | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Servizzi Ġenerali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **18,550.00** | **19,365.50** | **20,220.10** | **58,135.60** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Interessi mill-Bank | 10.00 | 9.50 | 9.03 | 28.53 |
| 0096 | Securities tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **10.00** | **9.50** | **9.03** | **28.53** |
| 0100 | Ġenerali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 2,000.00 | 2,100.00 | 2,205.00 | 6,305.00 |
| | | **2,000.00** | **2,100.00** | **2,205.00** | **6,305.00** |
| | TOTAL | **1,043,041.00** | **1,059,293.22** | **1,075,819.61** | **3,178,153.82** |

## 5.4 Tbassir tal-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 Eur | STIMA 2017 Eur | STIMA 2018 Eur | STIMA 2016 - 2018 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku/Kunsilliera | 12,700.00 | 12,890.50 | 13,083.86 | 38,674.36 |
| 1200 | Pagi tal-Impjegati | 119,000.00 | 122,570.00 | 126,247.10 | 367,817.10 |
| 1300 | Bonus | 6,520.00 | 6,715.60 | 6,917.07 | 20,152.67 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali | 10,000.00 | 10,300.00 | 10,609.00 | 30,909.00 |
| 1600 | Konċessjonijiet (Allowances) | 9,600.00 | 9,600.00 | 9,600.00 | 28,800.00 |
| 1700 | Sahra | 3,100.00 | 3,162.00 | 3,225.24 | 9,487.24 |
| | | **160,920.00** | **165,238.10** | **169,682.27** | **495,840.37** |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel eċċ) | 900.00 | 945.00 | 992.25 | 2,837.25 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 1,700.00 | 1,785.00 | 1,874.25 | 5,359.25 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 34,000.00 | 35,700.00 | 37,485.00 | 107,185.00 |
| 2400 | Kera | 2,250.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 6,750.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali u Internazzjonali | 1,200.00 | 1,236.00 | 1,273.08 | 3,709.08 |
| 2600 | Spejjeż tal-Uffiċċju | 5,700.00 | 5,757.00 | 5,814.57 | 17,271.57 |
| 2700 | Trasport | 6,000.00 | 6,000.00 | 6,000.00 | 18,000.00 |
| 2800 | Safar u Vjaġġar | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 8,400.00 | 8,400.00 | 8,400.00 | 25,200.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 416,000.00 | 416,000.00 | 416,000.00 | 1,248,000.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 31,000.00 | 32,550.00 | 34,177.50 | 97,727.50 |
| 3200 | Taħriġ | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi fil-Komunità | 2,000.00 | 2,100.00 | 2,205.00 | 6,305.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 800.00 | 900.00 | 720.00 | 2,420.00 |
| 3600 | Spejjeż tal-Gwardjani Lokali | | | | |
| | | **509,950.00** | **513,623.00** | **517,191.65** | **1,540,764.65** |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjetà | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 91,500.00 | 85,500.00 | 90,000.00 | 267,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 0.00 | 2,300.00 | 1,500.00 | 3,800.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **91,500.00** | **87,800.00** | **91,500.00** | **270,800.00** |
| | TOTAL | **762,370.00** | **766,661.10** | **778,373.92** | **2,307,405.02** |

## 6.1 Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 Eur | STIMA 2017 Eur | STIMA 2018 Eur | STIMA 2016 - 2018 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | **Xiri ta' proprjetà** | | | | 0 |
| 7100 | **Bini ta' Kostruzzjoni** | **0.00** | | | **0.00** |
| 7200 | **Titjib** | **91,500.00** | **85,500.00** | **90,000.00** | **267,000.00** |
| | Pavimentar tat-Toroq | 10,000.00 | 0.00 | 0.00 | 10,000.00 |
| | *Road Resurfacing* | 80,000.00 | 84,000.00 | 88,500.00 | 252,500.00 |
| | Sinjali tat-Traffiku | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| | Titjib Urban | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| 7300 | **Makkinarju u Apparat** | **0.00** | **2,300.00** | **1,500.00** | **3,800.00** |
| | Makkinarju Ġenerali | 0.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 3,000.00 |
| | Kompjuters | 0.00 | 800.00 | 0.00 | 800.000 |
| | Makkinarju Elettroniku | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| 7500 | **Proġetti Speċjali** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | 0 |
| | | 91,500.00 | 87,800.00 | 91,500.00 | **270,800.00** |

**Noti:**

Il-proġetti li mistennija jsiru fis-sena 2016 ser ikunu *resurfacing* ta' Triq San Bastjan.

Huwa stmat li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jembarka fuq proġetti ta' toroq ġodda fis-snin 2017 u 2018.